QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 3 ta' Diċembru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 29/2009**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**...** ***omissis*** **...**
**Noel Frendo**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta'Lulju 2009 kontra *omissis* u Noel Frendo li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Noel Frendo, reċidiv f'delitt, (1) ħati ta' serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn

u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin; (2) ...; (3) bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il- persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra; (4) ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; (5) fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; (6) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idu jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; (7) ħati ta' serq ta' vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura); (8) ...; (9) xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin- numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (10) kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina kontra l-liġi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Mejju 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih bi tmien voti favur u wieħed kontra sabu lil Noel Frendo ħati tal-Akkuża skond l-Ewwel, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Kapi ta' l-Att ta' Akkuża; unanimament sabuh ħati skond is-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuża; b'seba` voti favur u bi tnejn kontra sabuh ħati skond is-Seba` Kap ta' l-Att ta' Akkuża; u unanimanent sabu ħati tad-Disa' u ta' l-Għaxar Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat lill-istess Noel Frendo, reċidiv f'delitt, ħati talli:

1. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, ikkommetta serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94) u vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin, u dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza;

2. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;

5. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;

6. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, seraq vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura), u dana skond is-Seba` Kap tal-Att tal-Akkuza.

7. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' binnumru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dana skond id-Disa` Kap tal-Att tal-Akkuza;

8. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-

Saħħa u ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u dana skond l-Ghaxar Kap tal-Att tal-Akkuza.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, l-artikoli 221(2), 222A, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(1)(2), 279(a)(b), 280(2)(3), 281, 334(a), 86, 87(1)(c)(e), 49, 50, 289, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikoli 3(1A), 26(a) tal-Ordinanza Dwar l-Armi (Kap. 66) u wara li qieset l-assorbiment tal-kapi fejn jirrikorru, ikkundannat lill-ħati Noel Frendo għall-piena komplessiva ta' għaxar (10) snin priġunerija, kif ukoll multa komplessiva ta' elfejn Ewro (€2000) li jekk ma titħallasx puntwalment, tiġi konvertita f'terminu ta' priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' elf, ħames mija u wieħed u tmenin Euro u sebgħa u erbgħin Euro ċenteżmi (€1581.47), import ta' l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, semghet ix-xhieda u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur Dr. Chris Cardona, ghal Noel Frendo li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Elaine Rizzo, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, u kkunsidrat is-segwenti:

> "Ghal fini tal-piena li r-reati li taghhom il-hatja nstabu hatja jolqtu direttament il-qalba tas-socjeta` Maltija, aktar u aktar meta l-vittma tkun persuna vulnerabbli fl-istess socjeta`.
>
> "Il-Qorti qieset b'sodisfazzjon il-progress illi l-hatja ghamlu fil-mori ta' din il-kawza, liema progress, fil-kaz ta' Noel Frendo jidher illi huwa notevoli. Fil-kaz ta' Aaron Cassar mhux daqshekk meta tqis illi f'Jannar li ghadda, ftit xhur qabel

il-guri, rrizulta pozittiv ghall-cannabis. Dan il-progress mhu xejn hlief ghal beneficcju tal-hatja, izda l-Qorti ma tridx tara biss l-interessi taghhom imma trid tara wkoll l-interessi tas-socjeta`, fejn din ghandha dritt illi tkun protetta minn azzjonijiet ta' aggressjoni simili ghal dawn li wettqu l-hatja. Ir-responsabbilita` taghhom tibqa`, ir-reat sar u l-gurija kwazi unanimament sabithom hatja.

"Naturalment din il-Qorti ma tistax tittratta maghhom bhal li kieku ammettew il-htija taghhom mill-bidu nett tal-guri u minflok li ghaddejna l-process shih ta' guri waqafna hemmhekk biex nisimghu biss sottomissjonijiet dwar il-piena, u minkejja l-progress illi ghamlu ma tistax tikkonsidra dan il-progress fl-ambitu ta' ammissjoni bikrija.

"Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz u ma tihux gost tisma' esperti f'dan l-istadju jirrakkomandaw lill-Qorti illi l-piena ta' prigunerija tkun detrimentali ghall-hatjin. Argumenti bhal dawn imisshom ingiebu fil-bidu nett waqt ammissjoni bikrija u mhux f'dan l-istadju, fejn il-Qorti trid tirrispetta l-verdett tal-gurati li tkellmet ghas-socjeta` Maltija illi taghha ahna lkoll naghmlu parti.

"Il-hatja kienu jafu x'qeghdin jaghmlu. Ghazlu l-gurnata bil-hsieb kif ukoll il-pjan illi jwettqu fuq persuna l-aktar vulnerabbli tas-socjeta` Maltija.

"Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tikkundanna lill-hatja ghal piena ta' prigunerija li tirrifletti s-serjeta` tar-reat illi huma wettqu, bilancjata mas-sens tal-gustizzja illi ghandu jhoss il-vittma u l-istess progress li jidher illi mmanifestaw il-hatja."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Noel Frendo ppreżentat fit-13 ta' Ġunju 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-verdett tal-ġurija kif mogħti, iżda tirrevokaha fil-parti fejn l-ewwel Qorti mponiet piena ta' għaxar snin priġunerija u multa ta' elfejn ewro (€2,000) u minflok tipprovdi għal piena aktar miti u idoneja; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-uniku aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva u mhux idoneja. Huwa jissottometti:

"Illi fl-umli opinjoni tal-appelant, il-piena ta' priġunerija ta' għaxar snin ma tista' qatt tissodisfa wieħed mill-elementi prinċipali li jiġġustifikaw il-pieni fil-kamp kriminali, u cioe` l-element riformattiv;

"Illi jibda biex jingħad illi l-appellant kien *drug addict* b'problema serja ħafna ta' abbuż ta' droga. Il-bżonn li jieħu d-droga tant kien kbir u impellenti illi l-appellant kien wasal f'sitwazzjoni li ma jistax jgħaddi mingħajrha u allura kien jirrikorri għas-serq;

"Illi, pero`, l-appellant, fl-2007, waqt li kien qed jiskonta piena karċerarja fit-tul, iddeċieda volontarjament illi jibda jattendi l-programm tar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fi ħdan is-SATU;

"Illi dan il-programm l-appellant lestie b'suċċess u ilu *clean* mid-droga sa mill-2007;

"Illi l-uffiċjal tal-*probation* inkarigata mis-sorveljanza ta' l-appellant, u cioe` s-Sinjura Marilyn Attard, xehdet f'dawn il-proċeduri u ddikjarat li l-appellant kien *'success story'*, probabbli waħda mill-akbar stejjer ta' suċċess li kellom il-*probation services*;

"Illi s-Sinjura Attard xehdet illi: *'Għar-rijabilitazzjoni tiegħu, bena ħajtu, jiena rajtu minn mindu ħareġ mis-SATU, rajtu jibni ħajtu pass pass – kera flat, kompla jiżviluppa r-relazzjoni, mar jgħix mal-partner, kien hemm żmien fejn kien jgħix it-tifel miegħu, ħa ħsiebu sakemm reġa' mar lura għand ommu t-tifel, kellu xogħol, dejjem ta urines negative, dejjem żamm l-impenn miegħi, żamm l-impenn mas-SATU, qatt ma kelli nkwiet'*;

"Illi xehed ukoll it-Tabib Dottor John Zammit Montebello, illi huwa l-ko-ordinatur tas-SATU. Dan qal illi: *'Noel Frendo ġie ammess fil-unit f'Ottubru ta' l-2007 u baqa' ħol-unit sa Settembru 2010. Jiġifieri f'dan il-perijodu ta' żmien ġie evalwat, kellu proċess kemm ta' detossifikazzjoni u ta' rijabilitazzjoni, f'dan il-perijodu sarulu testijiet regolari psikometriċi, f'dan il-perijodu għamel progress bil-mod imma għamel progress sostanzjali. Fl-aħħar sena tas-sentenza tiegħu ħareġ ukoll jagħmel xi courses fuq spray-painting l-ETC li spiċċa dawn il-courses b'suċċess u jiġifieri għamilhom minn jeddu jiġifieri mhux għax sforzajnieh aħna. Wara li spiċċa bis-sentenza baqa' in kuntatt mal-unit għal counselling u kull darba li tela' l-unit meta tlabnieh għal supervised urines dawn il-urines baqgħu negattivi'*;

"It-Tabib Zammit Montebello kkonkluda x-xhieda tiegħu billi ddikjara illi: *'Noel Frendo bil-problemi kollha li kellu għamel progress sostanzjali fl-imġieba tiegħu u waħda mill-aktar affarijiet pożittivi li nista' nara u nista' ngħid li mhux biss waqt li kien ġol-programm u kien ġol-ħabs ġab ruħu sew jiġifieri ma ħax, ma abbużx, ma kellux ġlied, ma kellux problemi kemm ma' l-istaff u kemm mar-residenti l-oħra, il-progress kemm fil-mod kif jaġixxi kien pożittiv u li minn mindu ħareġ mill-ħabs f'Settembru 2010 sallum kull darba li ġie l-unit dan l-individwu kien qed jaħdem u ma reġax mar lura jabbuża mid-droga'*;

"Illi xehed ukoll is-Sur Mario Abela li huwa uffiċjal korrettiv fis-SATU. Is-Sur Abela għal darb'oħra jikkonferma l-progress kbir li għamel l-appellant u saħansitra qal illi: *'Jiena nemmen li fl-opinjoni tiegħi għandu jingħata ċ-ċans għax nemmen li jekk ma jingħatax ċans tkunu qed tkissru dak kollu li s-SATU u t-Tabib Zammit Montebello u l-counsellors kollha għamlu miegħu hux, fl-opinjoni tiegħi dejjem'*;

"Illi tenut kont ta' dan kollu, l-appellant ħassu sorpriż kif il-Qorti Kriminali fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ddikjarat illi filwaqt li nnutat b'sodisfazzjoni il-progress li huwa għamel, dan il-progress mhu xejn ħlief għal benefiċċju tal-ħati u xejn aktar;

"Illi mhux hekk biss. Il-Qorti kompliet tgħid illi *'ma tiħux gost tisma' esperti f'dan l-istadju jirrakkomandaw lill-Qorti illi l-piena ta' priġunerija tkun detrimentali għall-ħatjin'*;

"Illi dan imur kontra dak li lleġisla l-leġislatur permezz ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap 516 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn ġew enunċjati prinċipji ċari favur ir-riforma tal-ħatja;

"Illi l-leġislatur inkluda saħansitra l-artikolu 12 intestat 'eliġibilita` bikrija għal persuni riformati', liema artikolu jgħid: *'Meta persuna, li tkun diġà skontat kundanna ta' priġunerija u ġiet mogħtija l-parole jew tnaqqis mis-sentenza skont id-dispożizzjonijet ta' dan l-Att, tiġi kkundannata għal reat ieħor li tkun wettqet qabel ma bdiet tiskonta l-kundanna ta' priġunerija preċedenti, u tiġi ċċertifikata li fil-preżent ma tkunx taħt il-vizzju tad-droga, dik il-persuna tista' tiġi kkunsidrata għall-parole kif tibda tiskonta t-tieni kundanna ta' priġunerija sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor mill-Qorti fis-sentenza tagħha'*;

"Illi din id-disposizzjoni, li l-effetti tagħha jikkwalifika għalihom l-appellant stante illi huwa rriforma ruħu mill-vizzju tad-droga, turi r-rieda tal-leġislatur illi l-Qrati tagħna jirrikonoxxu l-fatt li persuna tkun irriformat ruħha u dan billi tkun kemm tkun is-sentenza, jekk il-kundizzjonijiet tal-artikolu 12 iseħħu, il-*parole board* ikun jista' jawtorizza r-rilaxx ta' persuna qabel ma jgħaddi ż-żmien ta' l-eliġibilita` għall-*parole*;

"Illi hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq persuna li ddikjarat hi stess li rriformat ruħha u llum mhijiex ta' perikolu għas-soċjeta`. Hawnhekk qed nitkellmu fuq dikjarazzjonijiet mill-uffiċjali tal-Gvern li segwew lill-appellant fl-agħar żmien ta' ħajtu u fl-eqqel tal-kriminalita` tiegħu sal-lum il-ġurnata meta bena ħajtu mill-ġdid u ħeles mill-vizzju tad-droga;

"Illi fi kwalunkwe każ, l-appellant jemmen illi l-piena erogata hija eċċessiva mhux biss minħabba l-fatt li huwa persuna riformata iżda anki meta wieħed jikkumpara l-pieni erogati f'każijiet simili;

"Illi in konklużjoni ser tiġi riprodotta parti mix-xiehda tal-*probation officer* Marilyn Attard li testwalment xehdet illi: *'Li nixtieq ngħid hu li aħna ħdimna ħafna ma' Noel u hu ħadem ħafna u għamel progress, għamel progress u ma nixtiqux li dak li ħdimna miegħu jinħatt, nixtiequ li nkomplu nibnu fuq li diġa` ħdimna.'* L-appellant jemmen li din id-dikjarazzjoni hija l-fulkru l-għala l-Qorti għandha turi klemenza u timponi piena ferm aktar miti u adatta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."

**6.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[1].

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**7.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Jekk nikkunsidraw unikament il-piena għall-ewwel akkuża, din tiġi komputata hekk: il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin skont l-artikolu 274(c) tal-Kodiċi Kriminali, li tiżdied bi grad jew żewġ gradi skont l-artikolu 276A (għax il-vjolenza kienet diretta kontra persuna li għalqet l-età ta' sittin sena) u bi grad jew żewġ gradi oħra skont l-artikolu 277(b) (peress illi kien hemm ukoll il-kwalifika tal-"mezz"). Dan ifisser illi l-piena dwar l-ewwel akkuża biss setgħet titla' sa massimu ta' għoxrin sena priġunerija li mbagħad setgħet tkompli tiżdied minħabba reċidiva. U f'dan il-każ l-appellant ġie addebitat anke bir-reċidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**8.** Issa, bħall-ewwel Qorti, din il-Qorti wkoll tinnota b'sodisfazzjon il-progress li l-appellant għamel billi rnexxielu jegħleb il-vizzju tad-droga. Filwaqt illi primarjament dan kien fl-interess tiegħu, huwa wkoll fl-interess tas-soċjeta` li min jinqabad fiċ-ċirku ta' l-abbuż tad-droga joħroġ minn dak iċ-ċirku sabiex ikun jista' jikkomporti ruħu bħala membru dehen tas-soċjeta` u jikkontribwixxi lil dik is-soċjeta`.

**9.** Il-fatt illi persuna tkun inħakmet mill-vizzju tad-droga, pero`, ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minħabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jiġi skużat għal għemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-ħati jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jaħrab milli jiġi punit skont il-liġi. Il-pieni m'għandhomx biss skop riformattiv iżda għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali. Inoltre, il-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar mhux biss li l-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, iżda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni oħra partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar severa minn dik li normalment tingħata f'każijiet oħra. Ma jistax ma jingħadx ukoll illi hawn għandna reati, b'mod partikolari l-*hold-up* li sar fuq Joseph Grixti, li jikkrejaw allarm soċjali li jesiġi li min jinstab ħati ta' egħmil simili jaħsad dak li jkun zergħa f'termini ta' piena.

**10.** Dwar l-ilment ta' l-appellant rigward illi l-ewwel Qorti kkummentat negattivament dwar ir- rakkomandazzjoni ta' esperti magħmula fl-istadju li kien wasal il-proċess, din il-Qorti tosserva illi ħadd mix-xhieda prodotti mid-difiża ma kien nominat bħala espert sabiex jagħmel xi rakkomandazzjoni dwar piena. Fi kwalunkwe każ, jidher ċar mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti xorta kkunsidrat il-progress li kien għamel l-appellant.

**11.** L-appellant għamel referenza wkoll għall-artikolu 12 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu li hu stess jaċċetta li għandu x'jaqsam ma' l-operat tal-*Parole Board*. Jekk il-*Parole Board* – u mhux il-Qorti – isib illi dak l-artikolu jista' jiġi applikat għall-appellant, l-ewwel Qorti fl-ebda istanza ma qalet li m'għandux jiġi hekk applikat.

**12.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. **571): "The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."**

**13.** Finalment din il-Qorti tirreferi għas-segwenti bran minn **Blackstone's Criminal Practice 2004** [2]:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '... that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**14.** Fiċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

[2] Paġna 1695, para. D23.45.

**45.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif mogħtija fil-konfront ta' Noel Frendo, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali u l-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibdew jiddekorru millum.